# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1476

## tal-11 ta' Awwissu 2017

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([2]), jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid xi subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati t-tariffi u miżuri oħra marbutin mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jenħtieġ li jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi stipulat li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa għall-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Jenħtieġ li dak il-perjodu jkun stabbilit għal tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Awwissu 2017.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Stephen QUEST

*Direttur Ġenerali*

*Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali*

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Prodott (l-hekk imsejjaħ "dawl LED għax-xogħol tas-snien") magħmul minn materjali differenti bħal ħġieġ, plastik u metalli differenti u li jinkludi diversi dijodi li jemettu d-dawl (LED). Dan il-prodott huwa ppreżentat imwaħħal ma' id li tista' tiddawwar. L-id li tista' tiddawwar tista' tkun imwaħħla mas-siġġu għax xogħol dentali jew imwaħħla pereżempju, mal-ħajt jew mas-saqaf tal-klinika tad-dentist.<br>Huwa mfassal b'tali mod li jdawwal il-kavità orali waqt it-trattament tas-snien. L-intensità, il-kulur u t-tip ta' dawl tal-prodott huma maħsuba b'mod speċifiku biex jintużaw mid-dentisti.<br>Ara l-istampa (*) | 9405 40 99 | Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1, 3(c) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u bil-kliem tal-kodiċijiet NM 9405, 9405 40 u 9405 40 99.<br>Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 9018 bħala strument u apparat mediku hija eskluża peress li l-intestatura teskludi ċerti prodotti ta' tagħmir dentali kompleti (bħal-lampi shadowless) meta jiġu ppreżentati b'mod separat; dawk il-prodotti għandhom jiġu kklassifikati fl-intestaturi rispettivi tagħhom stess (ara wkoll in-Noti ta' spjega għan-Nomenklatura Magħquda (NSNM) tal-intestatura 9018, il-parti (II), punt (ii) u l-esklużjoni taħt il-parti (II)).<br>Il-prodott għandu l-karatteristiċi u l-forma ta' lampa/tagħmir tad-dawl elettriku tal-intestatura 9405 li tkopri l-lampi tal-elettriku u t-tagħmir tad-dawl speċjalizzati li jistgħu jkunu magħmula minn kwalunkwe materjal u jużaw kull sors ta' dawl (ara wkoll l-NSNM tal-intestatura 9405, il-parti (I)).<br>Il-prodott li jikkonsisti minn materjali differenti, li l-ebda wieħed ma jagħtih il-karattru essenzjali tiegħu, għandu għalhekk jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 9405 40 99 bħala bozoz u tagħmir tad-dawl tal-elettriku oħrajn ta' materjali oħrajn ħlief plastik. |

(*) L-istampa qiegħda hemm biss għal skopijiet ta' informazzjoni.

